# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru: 147/15/VG**

**SMW Cortis Limited**

**Vs**

**Jeremy PERICI CALASCIONE**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-25 ta' Frar, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf tlett mija tnejn u sebghin euro [€1,372] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-socjeta attrici titlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' (€1372) bilanc ta' prezz ta' materjal u xoghol ta' tarag mibjugh u konsenjat lilu fuq ordni, u skond l-istruzzjonijiet, tal-istess konvenut, liema tarag kien debitament accettat u mizmum minnu ghall-beneficcju tieghu.
>
> Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva tat-8 ta' Marzu 2012, u bl-imghaxijiet mill-imsemmija data sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li jibqa ngunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-27 ta' Marzu, 2015 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"L-esponenti qed jichad it-talba tas-socjeta attrici u jiddikjara illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prodott li kien kkonsenjat ma kienx la tal-kwalita pattwita u lanqas tajjeb ghall-iskopijiet li ghalih kien ordnat, u ghall kollox differenti minn dak pattwit tant illi l-esponenti spicca b'tarag li kellu jigi maqtugh fuq il-post u lapazzat b'mod xejn professjonali u bir-rizultat illi l-prodott kien altament insoddisfacjenti kif rikonoxxut mill-istess ditta fornitrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi".

Ra l-verbal datat 8 ta' Lulju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra l-atti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, is-socjeta rikorrenti talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' €1,372 bilanc ta' prezz ta' materjal u xoghol ta' tarag mibjugh u konsenjat lilu fuq ordni, u skond l-istruzzjonijiet, tieghu, liema tarag kien debitament accettat u mizmum minnu ghall-beneficcju tieghu. L-intimat laqa ghal din it-Talba billi qal li huwa qed jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti u ddikjara li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prodott li kien kkonsenjat ma kienx la tal-kwalita pattwita u lanqas tajjeb ghall-iskopijiet li ghalih kien ordnat, u ghall kollox differenti minn dak pattwit tant li huwa spicca b'tarag li kellu jigi maqtugh fuq il-post u lapazzat b'mod xejn professjonali u bir-rizultat illi l-prodott kien altament insoddisfacjenti kif rikonoxxut mill-istess ditta fornitrici.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. **Marthese Grech**, segretarja tas-socjeta rikorrenti qalet li l-intimat ried tarag tal-injam u wara li kienu ddizinjawlu t-tarag u tawh il-prezz ta' kemm kien ser jigi dan it-tarag. Il-prezz, kompliet tghid ix-xhud, kien ta' €4,672. L-ordni saret fil-31 ta' Awwissu, 2010 u dak-in-nhar thallas l-ammont ta' €1,800 bhala depositu. Sar hlas iehor akkont fl-ammont ta' €1500 u kien ghad fadallu bilanc ta' €1372 li huwa l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri. Kompliet tghid li t-tarag sar u twahhal u li wara hija bdiet tikkomunika mieghu sabiex hu jhallas l-imsemmi bilanc. Qalet li ghamlet sena u nofs tigri warajh ghal bilanc u li f'dak il-perjodu "*l-intimat qatt ma semma la bil-miktub u lanqas bil-fomm li kien hemm xi problemi ghar-rigward tat-tarag li konna nstallajnielu ahna*" (fol. 13). Kien biss f'Lulju tas-sena 2014, kompliet tghid ix-xhud, li s-socjeta rikorrenti kienet saret taf li l-intimat kien qieghed jilmenta mix-xoghol li kien sar. Meta saru jafu b'dan l-ilment, huha Anthony Cortis kien pprova jikkomunika mal-intimat izda baqghu ma ltaqawx. Ix-xhud esebiet ukoll il-kuntratt ta' l-ordni mmarkat bhala dok. MG 5 (fol. 24). Mistoqsija mit-Tribunal jekk hi u huha Anthony Cortis jitkellmux ufq ix-xoghol li taghmel il-kumpanija, hija rrispondiet fl-affermattiv. Mistoqsija allura jekk huha AnthonyCortis kienx qatt semmielha li kien hemm xi problemi ghar-rigward ta' dan it-tarag, hija wiegbet fin-negattiv.

3. **Anthony Cortis,** direttur tas-socjeta rikorrenti qal li huwa kien iltaqa ma' l-intimat gewwa d-dar tieghu f'Hal-Balzan sabiex ikun jista jaghmel id-disinn tat-tarag li ried l-istess intimat. Qal li wara li kienu hadu l-qisien, il-haddiema tieghu jaghmlu d-disinn, liema disinn gie esebit bhala dok. MG 4 (fol. 23). Qal li l-intimat accetta dan id-disinn u wara li kien gie installat, "*l-intimat kien qalilna li jrid il-parti ta' fuq tal-landing differenti minn kif kien originarjament qalilna*" (fol. 15). Kompla jghid li l-intimat riedu idjaq milli kien originarjament iddisinjat. Hekk fil-fatt sar, kompla jghid ix-xhud. Qala l-parti ta' fuq u dejquh. Qal li wara li t-tarag gie nstallat, l-intimat qatt ma reggha kellmu personalment dwar xi problemi li seta kellu dan it-tarag. Kien hemm okkazzjoni fejn il-partijiet iltaqaw fuq il-post fejn kien gie installat dan it-tarag fil-presenza ta' l-Avukat Dr. Alex Perici Calascione u dan sabiex jara dwar l-ilment li kien qieghed jaghmel l-intimat fuq it-tarag in kwistjoni. Qal li l-Avukat Perici Calascione kien qallu li t-tarag li ried l-intimat kien differenti minn dak li kien gie nstallat. Zied ighid li l-intimat kien qallu li t-tarag ma kienx komdu u dan fis-sens li kif titla l-ewwel indana, imbaghad it-tarag jidjieq. Ix-xhud kompla jghid li il-kejl tat-tarag jigi dettat mit-tul bejn minn fejn jitlaq it-tarag sa fejn jispicca. Sahaq li kif inhu ddisinjat it-tarag ghalih huwa skont l-arti u s-sengha u huwa komdu. Zied ighid illi kieku t-tarag ma kienx ser jigi komdu huwa ma kienx jaghmlu. Qal ukoll li qabel ma ta l-lostru lit-tarag, l-intimat kien mar jara t-tarag fil-post, "*ivverifikah u ra li kollox kif suppost u hallas it-tieni deposit*" (fol. 16).

Ix-xhud qal li originarjament, id-daqs tat-tarag ta' isfel u d-daqs tat-tarag ta' fuq kienu l-istess ghax hekk kienet titlob is-sengha. "*Sussegwentement fuq talba ta' l-intimat ahna cekkina l-ahhar erba' targiet li kienu jaghtu ghal bieb ta' fuq sabiex jigu ezatt daqs il-wisa tal-bieb u allura l-ahhar erba' targiet ta' fuq ma kienux ta' l-istess wisa daqs ... kemm kienu t-targiet l-ohra kollha tat-tarag*" (fol. 16). Qal li dan ghamluh fuq decizjoni ta' l-intimat u cahad li din kienet decizjoni tieghu.

Mistoqsi dwar it-travu li kien hemm, ix-xhud qal li meta kienu marru originarjament biex jiehdu l-kejl tat-tarag kien hemm travu u huma hadu l-kejl fuqu. Wara, l-intimat kien ghamel il-*gypsum* u nizel erba' pulzieri l-isfel aktar minn kif kien it-travu originarjament u b'hekk affettwa t-tarag. Huwa kien ta parir lill-intimat sabiex jaghmel dik il-parti tal-gypsum *slanting* u l-problema kienet tirrisolvi ruhha.

4. **L-intimat** qal li huwa kien ta struzzjonijiet lis-socjeta rikorrenti sabiex taghmillu tarag tal-injam ghal sular wiehed. Fil-fatt kienu marru Anthony Cortis u d-*designer* tieghu sabiex jiehdu l-qisien. Wara li kien tah id-dsinn, li kien ghogbu, huwa tah id-depositu relattiv ghal istess tarag. Qal li "*l-ftehim originali kien illi t-tarag kellujispicca flash mal-intrata li jaghti ghal ewwel sular*" (fol. 18). Stqarr li huwa kien ra t-tarag lest qabel ma nghata l-lostru fil-fabbrika tas-socjeta rikorrenti u wara li hallas it-tieni depositu, huwa awtorizzahom ikomplu. Wara li tlesta, gie nstallat it-tarag fil-proprjeta tieghu. Qal ukoll li t-tarag tqieghed kif xtaq huwa u cioe li t-taga kien kollu l-istess wisa. Zied ighid li pero imbaghad kienet inholqot problema bil-*headroom* u dan ghar-rigward tat-travu li kien hemm. Qal li s-Sur Cortis lilu kien qallu li biex tissolva din il-problema kellha titnaqqas bicca sew mit-tarag. Mistoqsi jekk it-travu kienx miksi bil-gibs meta ittiehed il-kejl, l-intimat qal li ma kienx cert. Li kien cert kien li t-travu hemm kien. Kompla jghid li "*it-*

*tarag illum il-gurnata gie b'tali mod u manjiera li lanqas bil-linen basket ma nista nghaddi minnu u ghalhekk huwa skomdu*" (fol. 18). Qal li "*it-tarag kif inhu llum m'ghandu x'jaqsam xejn ma kif kien originarjament ddisinjat it-tarag*" (fol. 18) u ghalhekk "*it-tarag kif gie ma kienx kif ordnajtu*" (fol. 18). L-intimat kompla jghid li huwa kien ghamel xi zmien barra minn Malta u qatt ma kien ilmenta mas-socjeta rikorrenti li x-xoghol kien sar hazin. Qal li huwa haseb li la x-xoghol ma sarx sew allura huwa ma kellux ghalfejn ihallas il-bilanc li kien ghad fadal. Sussegwentement huwa rcieva ittra ufficjali minghand is-socjeta rikorrenti u nvolva lill-avukati tieghi f'din il-kwistjoni. Qal li l-problema ghadha hemm sal-lum u ma setax jifhem kif ma irrangawhx meta zarmawh l-ewwel darba. L-intimat esebixxa diversi ritratti mehudin minn ohtu.

In kontro-ezami qal li l-gholi tat-tarag, min fuq ghal isfel baqa l-istess u kien biss il-wisa li ma baqghetx l-istess. B'referenza ghad-dok. JPC 2 (fol. 43), mistoqsi jekk kienx hu li talab li tizdied il-bicca tal-injam hemm indikata meta s-socjeta rikorrenti marret biex tinstalla t-tarag u li ma kienitx fid-disinn originali, huwa wiegeb u qal li "*originarjament dik ma kelliex tkun parti mit-tarag il-ghaliex il-wisa tat-tarag kellu jkun sat-tarag tal-gebel kif kien ippjanat originarjament. Jiena gejt* (recte: diga) *spjegajt li l-uniku mod biex nirbhu l-headroom li kien hemm bzonn sabiex ma noqodux nahbtu rasna mas-saqaf huwa li naqtaw dik il-bicca*" (fol. 39). Qal ukoll li l-parti l-blu f'dan id-dok JPC 2 (fol. 43) ma kienitx hemm originarjament u li huwa ma kienx talab lis-socjeta rikorrenti sabiex taghmilha meta ccekken it-tarag. Sahaq li "*t-tarag intmiss mhux fuq talba tieghi. Intmiss minhabba l-izball li kien sar mis-socjeta rikorrenti meta huma ma hadux in konsiderazzjoni t-travu li kien hemm fuq fejn kien jispicca t-tarag*" (fol. 39).

L-intimat ammetta li huwa qatt ma kien kiteb lis-socjeta rikorrenti qabel ma kien ircieva l-ittra ufficjali mill-Qorti, anke l-ghaliex huwa, dak iz-zmien, kien jghix l-Ingilterra. Ikkonferma ukoll l-*emails* li gew esebiti minn Marthese Grech bhala *emails* mibghuta minnu.

5. **Mary Louise Perici Calascione**, omm l-intimat qalet li meta tpogga dan it-tarag fil-post, l-gholi kien hazin u dan peress li "*tahbat rasek mat-travu*" (fol. 50). Qalet li hi kienet taf li kien hemm xi haga hazina fil-kejl u li meta kien gie disinjat kien hemm xi haga hazina. Il-kejl u d-disinn sar mis-socjeta rikorrenti. Qalet li biex jigi evitat dan it-travu, l-iskaluni ta' fuq kellhom jidjiequ. Ziedet tghid li estetikament it-tarag ma huwiex kif suppost u t-tarag ma ghadux komdu u "*meta inti ddur minn bicca dritta t'isfel u ha ddur ghal bicca ta' fuq dik giet dejqa hafna kwazi perikoluza*" (fol. 51). Kompliet tghid ix-xhud li darba minnhom kien mar is-Sur Cortis ghandha biex hi tghid lill-intimat sabiex ihallas u hi dak il-hin kienet qaltlu li x-xoghol ma kienx gie tajjeb. Qalet li dak il-hin, s-Sur Cortis kien qalilha li jew jaqla kollox u jerga jaghmel mill-gdid it-tarag jew inkellha jifthemu fuq prezz. Ftehim baqa ma ntlahaqx u spiccaw il-Qorti.

In kontro-ezami qalet li meta ttiehed il-kejl, it-travu kien hemm u li meta kien sar il-gypsum ma kienx hemm pulzier differenza u llum il-gurnata "*biex ikun jista wiehed jghaddi mit-tarag bi ftit iktar facilita dik il-bicca mbaghad nehhejniha u ghamilniha slanting*" (fol. 51).

Ikkunsidra ulterjorment;

6. L-intimat, fl-eccezzjoni tieghu qal li l-prodott supplit mis-socjeta rikorrenti ma kienx tal-kwalita pattwita u ma kienx tajjeb ghall-iskop li ghalih kien ordnat. Qal li huwa spicca b'tarag li kellu jigi maqtugh fuq il-post u lapazzat b'mod xejn professjonali bir-riszultat li l-prodott kien altament insodisfacenti.

7. L-intimat kien inkariga lis-socjeta rikorrenti sabiex taghmillu tarag ta' l-injam. Fil-31 ta' Awwissu, 2010, is-socjeta rikorrenti kienet harget stima tax-xogholijiet li kellhom isiru fuq inkarigu tal-intimat fl-ammont ta' €4,672 inkluz il-VAT. Is-socjeta rikorrenti iddisinjat kif kellu jigi t-tarag in kwistjoni skond ma jidher fid-dok. MG 4 (fol. 23). Fit-13 ta' Settembru, 2010 l-intimat ghamel pagament akkont ta' €1,800 u fil-25 ta' Jannar, 2011 reggha ghamel pagament iehor ta' €1500. B'hekk kien ghad fadallu bilanc ta' €1,372 li huwa l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri.

8. Irrizulta ukoll li bejn il-partijiet kien qam diverbju proprju meta s-socjeta rikorrenti, wara insistenza da parti taghha biex l-intimat ihallas il-bilanc rimanenti u dan fis-sens li t-tarag ma kienx tajjeb u dan minhabba li l-iskaluni mill-ewwel indana sal-livell ta' fuq kellhom jiddjiequ u dan minhabba travu li kien hemm fil-fond proprjeta ta' l-intimat.

9. Il-partijiet u x-xhieda mressqa lkoll qablu li kien hemm travu meta kien ittiehed il-kejl originarjament. Pero, filwaqt li Anthony Cortis, direttur tas-socjeta rikorrenti, jghid li dan it-travu inkesa bil-gypsum wara li huwa kien ha l-kejl, l-intimat qal li "*miniex cert jekk kien* (x) *hemm il-kisi bil-gypsum jew le ma dak it-travu*" (fol. 18). Ukoll, ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti qal li meta sar il-gypsum, dan "*nizel erba' pulzieri aktar minn kif kien it-travu originarjament u b'hekk affettwa t-tarag*" (fol. 16) filwaqt li omm l-intimat, Mary Louise Perici Calascione, qalet li "*bejn il-gypsum u t-travu ma kienx hemm pulzier differenza*" (fol. 51). Anthony Cortis, dwar il-kwistjoni tat-travu qal li "*meta konna orna niehdu l-qies kien hemm travu tal-hadid u ahna meta hadna l-kejl kejjielna fuq dak it-travu*" (fol. 16). Dan huwa l-punt krucjali, fil-fehma tat-Tribunal f'din il-kawza dan ghaliex minn meta ittiehed originarjament il-kejl mis-socjeta rikorrenti sakemm gie biex tqieghed it-tarag fil-fond proprjeta tal-intimat, tbiddel xi ftit il-kejl ta' l-gholi tal-fond bil-konsegwenza li dan affettwa l-*layout* tat-tarag. Filwaqt li Anthony Cortis jghid li kien hemm madwar erba' pulzieri differenza, omm l-intimat tghid li ma kienx hemm pulzier. It-Tribunal huwa tal-fehma li b'anqas minn pulzier ma kienx ser ikun hemm differenza tant li jkollu jitbiddel il-konfigurazzjoni tat-tarag kif tbiddel u ghalhekk, fuq bilanc ta' probabilita, d-differenza meta tpogga l-gypsum kienet iktar minn hekk. Ukoll, Anthony Cortis kien car meta qal li t-travu kien tal-hadid meta huwa ha l-kejl u li fil-kejl li ha kien ha in konsiderazzjoni dan l-istess travu. Bniedem ta' esperjenza bilfors ikollu jiehu t-travu in konsiderazzjoni meta jigi biex jaghmel il-kalkolu ta' kif kellu jigi t-tarag u t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minn dak li qal Anthony Cortis f'dan ir-rigward. Wara kollox, l-istess Anthony Cortis qal, b'referenza ghat-tarag kif kien disinjat originarjament, li "*kieku ma kienx ser ikun komdu jiena ma kontx ser naghmlu x-xoghol*" (fol. 16). Hija xi haga ovvja li jekk l-gholi ma jibqax l-istess, it-tarag ikollu jitbiddel. Ghal dan it-tibdil pero ma tahtiex is-socjeta rikorrenti. Jirrizulta mix-xhieda li meta kien ittiehed il-kejl originarjament, ir-rapprezentant ts-socjeta rikorrenti kien ha in

konsiderazzjoni ta' dan it-travu, kif kien, u li imbaghad, meta sar il-gypsum, gie li meta titla t-tarag, kien hemm problema ta' *headroom*. Ovvjament, sabiex tigi risolta din il-problema, kellhu jitbiddel il-konfigurazzjoni u l-kejl tat-tarag min kif originarjament pattwit. Kif diga inghad, is-socjeta rikorrenti ma ghandha x'tahti xejn ghal dan u konsegwentement, l-intimat ghandu jhallas il-bilanc dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta r-rikorrenti s-somma ta' elf tlett mija tnejn u sebghin euro [€1,372] flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi fuq dan l-ammont mid-data ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Marzu, 2012 (fol. 33) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 490/12, ghandhom jithallsu mill-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**